Ġordan

INŻURU: Amman, Dana, Petra, Little Petra, Wadi Rum, Shobak, Madaba, Betanja u Jerash

12-19 TA' SETTEMBRU

IS-SIBT 12 TA' SETTEMBRU
Niltaqgħu l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fl-04:00 ta' filgħodu għat-titjira diretta **FR8274** bir-**Ryanair** għal **Amman**, il-belt kapitali tal-Ġordan. It-titjira ser titlaq fis-06:10 u naslu Amman fl-10:05, ħin lokali. Hekk kif noħorġu mill-ajruport, ser nirkbu l-kowċ biex nibdew triqitna lejn Dana. **Dana** huwa villaġġ qisu presepju u għandu madwar 500 sena. Tħossok mort lura fiż-żmien! Ser nagħmlu passiġġata fil-villaġġ, naraw kif jgħixu n-nies tal-lokal. Mit-tarf tal-villaġġ stess wieħed jista' jara x-xenarju sabiħ ta' **Wadi Dana**, l-akbar riserva naturali tal-Ġordan. Wara din il-waqfa, ser nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Petra**. Sistemazzjoni fil-kmamar u ċena fil-lukanda **Grand View** 4 star.

IL-ĦADD 13 TA' SETTEMBRU
Kolazzjon. Illum ser inżuru u nesploraw il-belt arkeoloġika ta' **Petra, wirt Dinji Storiku tal-UNESCO**. Petra inbniet madwar 2000 sena ilu minn ***Nabateans***. Ser nibdew il-mawra tagħna b'rikba fuq iż-żiemel u wara dan ser nimxu tul is-**Siq** (qasma kbira fil-blat) sakemm jitfaċċa quddiemna wieħed mill-isbaħ monumenti f'dan il-park arkeoloġiku, **Al Khazneh**, bl-Ingliż magħruf bħala t-***Treasury***. Wara waqfa quddiem dan il-monument, inkomplu nesploraw din il-belt famuża. Ser ngħaddu minn quddiem l-anfiteatru, bosta għerien, oqbra u għadd ta' moumenti mħaffra fil-blat ikkulurit. F'nofsinhar ser nieklu fir-restaurant ***Petra Basin*** li qiegħed proprju fil-qalba ta' Petra. Wara nżuru xi fdalijiet Rumani bħall-famuża ***Colonnaded Street*** **u l-Mużew Arkeoloġiku**. Taraġ maqtugħ fil-blat iwasslek ħdejn **Ad Deir,** magħruf ukoll bħala il-**Monasteru**. Dan il-monument imnaqqax fil-blat jinsab fuq l-għoljiet. Minn hemm fuq wieħed jista' jammira xenarju mill-isbaħ. Nirritornaw lura l-hotel. Ċena u ħin liberu.

IT-TNEJN 14 TA' SETTEMBRU
Wara l-kolazzjoni ser inżuru **Little Petra** magħrufa wkoll bħala **Siq al-Barid**. Hawnhekk wieħed jista' jara affresk uniku f'wieħed mill-għerien kif ukoll jammira l-iskultura fil-ġebel, il-kwiet u l-paċi li hemm f'dan il-post. Wara din iż-żjara ser naqbdu triqitna lejn **Wadi Rum**, l-akbar deżert tal-Ġordan u wieħed mill-isbaħ deżerti tad-dinja. F'nofsinhar ser nieqfu għall-ikel f'kamp fid-deżert. Wara ser nirkbu l-***Jeep*** għal tour indimentikabbli fid-deżert. Ikollna ħin biżżejjed biex ingawdu dan il-post uniku fid-dinja filwaqt li nixorbu tazza te tradizzjonali tal-Bedwini tad-deżert. Aktar tard ser joħduna fil-kamp fejn ser inqattgħu l-lejl. Sistemazzjoni fil-kampijiet **Space Village Luxury Camp** u wara jkollna l-ikla ta' filgħaxija. Din għandha tkun lejla memorabbli!

IT-TLIETA 15 TA' SETTEMBRU
Kolazzjon. Nitilqu mill-kamp f'Wadi Rum u nibdew triqitna lejn **Shobak** biex inżuru l-fdalijiet ta' kastell ta' żmien il-Kruċjati. Din il-binja massiva tinsab fuq għolja u nbniet fis-sena 1115 minn **Baldwin I** ta' Ġerusalemm. Fl-1189, wara assedju ta' 18-il xahar, din il-fortifikazzjoni kienet waqgħet f'idejn l-armata ta' Saladin. Fi triqitna lejn il-Baħar il-Mejjet ser nieqfu ħdejn l-entratura ta' **Wadi Mujib** sabiex nammiraw dan il-post naturali u nieħdu ftit ritratti li jibqgħu tifkira ta' dan il-post hekk sabiħ. Inkomplu triqitna lejn il-**Baħar il-Mejjet**. Akkomodazzjoni ġo **Dead Sea Spa Hotel** 4 star fejn issir is-sistemazzjoni fil-kmamar. Il-lukanda tagħna qiegħda mal-kosta tal-baħar u għalhekk wieħed jista' igawdi dan il-post bil-kumdita' kollha. L-ilma ta' dan il-baħar huwa rikk ħafna fil-minerali li huma tajbin ħafna għall-ġilda, ta' benefiċċju kontra l-artrite u biex ittejjeb iċ-ċirkolazzjoni tad-demm. L-ikla ta' filgħaxija ser tkun fil-lukanda.

L-ERBGĦA 16 TA' SETTEMBRU
Wara l-kolazzjon ser naqbdu l-***King's Highway*** biex immorru **Madaba**. Din il-belt hija famuża għall-mużajk. F'Madaba ser inżuru il-**Knisja Ortodossa Griega ta' San Ġorġ** li fiha hemm l-eqdem mappa tal-Art Imqaddsa maħduma bil-mużajk, il-**Park Arkeoloġiku** u l-iskola tar-restawr. Minn Madaba ser immorru fuq il-**Muntanja Nebo**. Il-monument li hemm kif tidħol fil-kumpless twaqqaf biex ifakkar iż-żjara tal-**Papa Ġwanni Pawlu II** fis-sena 2000. Mill-quċċata ta' din il-muntanja wieħed jista' jara l-panorama tal-Art Imqaddsa, is-salib magħmul mis-serp tal-bronż u l-knisja Biżantina li fiha Battisteru u fost l-aqwa mużajk antik fil-Ġordan. Mose` miet u ndifen f'dan il-post sagru. Hekk kif ninżlu minn fuq din il-muntanja ser inżuru **Betanja max-Xmara Ġordan**, il-post fejn Ġwanni l-Battista għammed lil Ġesu`. Wara din iż-żjara ser nibqgħu sejrin lejn Amman. Kif naslu l-lukanda **Grand Palace** 4 star jkollna sistemazzjoni fil-kmamar u aktar tard filgħaxija ċ-ċena fil-lukanda.

IL-ĦAMIS 17 TA' SETTEMBRU
Wara l-kolazzjon ser inżuru l-fdalijiet tat-**Teatru Ruman** ta' Amman u l-**Mużew tal-Folklor**. Wara ser immorru iċ-Ċitadella fejn ser naraw it-tempju ta' Erkole, il-**Mużew tal-Arkeoloġija** u l-**Palazz Umayyad**. Ikollna l-opportunita' li nżuru swieq tradizzjonali u jkollna ħin liberu għall-ikel (extra), naraw ukoll Rainbow Street. Issa jmiss li nżuru il-parti moderna tal-belt b'għadd ta bini għoli u ħwienet mill-isbaħ. Ċena fil-lukanda.

IL-ĠIMGĦA 18 TA' SETTEMBRU
Kollazzjon. L-eskrusjoni ta' llum teħodna fil-belt ta' Jerash li fl-antik kienet magħrufa bħala waħda mill-aktar siti ppreservati tal-Imperu Ruman. F' Jerash se naraw l- Arkata ta' Adrijanu, l-Ippodromu li fih kienu jsiru t-tiġrijiet taż-żwiemel, il-Forum-misraħ ovali kbir imdawwar bil-kolonni, it-Teatru, l-fdalijiet u binjiet antiki oħra. Nirritornaw lura Amman u ħin liberu. Ikla ta' filgħaxija fil-lukanda.

IS-SIBT 19 TA' SETTEMBRU
Fis-07:00 tluq lejn l-ajruport ta' Amman għat-titjira **FR8275** diretta lejn Malta mar-**Ryanair** li titlaq fl-10:30 u naslu Malta fis-12:45.

8
T'IJIEM

MINN €
1205
KULL PERSUNA

PREZZ KULL PERSUNA
ESKURSJONIJIET, ENTRATURI, HALF BOARD U TAXXI MĦALLSHA

	Normali	Skontat
Kamra ta' tlett persuni	€1315	€1205
Kamra żewġ persuni	€1320	€1270
Kamra ta' persuna waħda	€1550	€1500
Tfal sa 11-il sena	€1045	€995

PREZZ JINKLUDI
- Titjira Ryanair: Malta-Amman-Malta
- 20kgs baggage u reserved seat
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- Entraturi mħallsa
- Akkomodazzjoni fi 3 u 4 star hotels skond il-programm
- Kmamar kollha b'faċilitajiet privati
- Buffet Breakfast kuljum
- Ċena kuljum + 2 ikliet ta' nofs in- nhar
- Taxxi u Service Charge Tour Leader
- Insolvency Protection
- Tour Leader